**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' April, 2016**

**Citazzjoni Nru: 1213/2015 AF**

**Mafimex Limited (C-7396)**

**vs**

**Saviour Muscat u martu Patricia Muscat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Mafimex Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà attrici hija kreditrici tal-konvenuti fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u tnax-il Ewro u tmien centezmi (€23,912.08) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' frott u haxix mibjugh bl-ingrossa u kkonsenjat lill-konvenuti mis-socjetà attrici fuq inkarigu tal-istess konvenuti u dana kif jirrizulta mill-anness statement (Dok. ML2).

L-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-istess socjetà attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma

tal-istess socjetà attrici, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati ripetutament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont, huma baqghu inadempjenti u ma hallsux.

Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u tnax-il Ewro u tmien centezmi (€23,912.08) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' frott u haxix mibjugh bl-ingrossa u kkonsenjat lill-konvenuti mis-socjetà attrici fuq inkarigu tal-istess konvenuti u dana kif jirrizulta mill-anness statements (Dok. ML2).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontestwalment pprezentat fl-ismijiet premessi, u l-imghaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat li Saviour Muscat, minkejja li gie debitament notifikat, baqa' ma deherx fl-udjenza.

Semghet lid-difensur ta' Patricia Muscat u peress li jidher illi l-istess Patricia Muscat ghandha eccezzjonijiet xi tressaq, akkordat lilha ghoxrin gurnata mil-lum biex twiegeb ghall-kawza.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddeciedi l-kawza limitatament fil-konfront ta' Saviour Muscat billi tilqa' l-ewwel talba ta' Mafimex Limited fil-konfront ta'

Saviour Muscat, tilqa' t-tieni talba wkoll limitatament fil-konfront tal-istess Saviour Muscat.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba, inkluza ta' din il-kawza sa issa kontra l-istess Saviour Muscat.

IMHALLEF

DEP/REG